MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 27/2007/1

**Francis Fenech**

**vs**

**Thomas Montaldo**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Ottubru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talab sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' Lm4209.49,6 (erba' t'elef, mitejn u disgha liri Maltin u disgha u erbghin centenzmu u sitt millezmi) ghall-ammont ta' Lm1366.83,0 somma

mill-konvenut mizmuma bhala sekwestratarju fis-sekwestru tal-esponent kontra Philip Fenech – k. 947/81 tat-18 ta Settembru 1981 Dok A anness mal-avviz, u kwantu ghal Lm2842.66,6 imghax bit-8% fis-sena ghal 26 sena mit-12 ta' Jannar 1981 data tal-kont ta-Perit.

Bl-ispejjez, bl-imghaxjiet ulterjuri; bl-ispejjez tal-ittri ufficjali tal-4 ta' Frar 2005, tal-10 ta' Marzu 2005 u tas-7 ta' Novembru 2005. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Thomas Montalto (fol 20 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

Fl-ewwel lok id-domanda attrici hi improponibbli u konsegwentement l-azzjoni attrici hi irrita u nulla, u b'hekk ghandha tigi michuda kontra l-attur, bl-ispejjez.

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess il-konvenut m'ghandu jaghti xejn la lill-attur Francis Fenech u lanqas lil Philip Fenech.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel (1) eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-fatti in esami kif rilevanti ghall-ewwel (1) eccezzjoni in esami, gew konsiderati is-segwenti:-
a) <u>L-attur</u> (permezz ta' "affidavit" a fol 28 et seq ibid) spjega illi ghall-habta tal-<u>1980</u>, hu kien jahdem bhala kuntrattur fil-bini flimkien ma huh, Philip Fenech.

b) Fl-istess perjodu huma t-tnejn kienu gew inkarigati mill-konvenut sabiex jibnu villa f'San Gwann.
c) Pero matul l-1981, hu u huh "kellna xi nghidu u spiccajna l-Qorti"
d) Minhabba hekk, l-istess rikorrenti kien ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-istess huh u bhala sekwestratarju kien hemm , ukoll, l-intimat odjern. (ara mandat numru 947/81 in atti a fol 3 et seq) li gie notifikat bih fil-21 ta' Novembru 1981.
e) Mill-istess dokumenti annessi mar-rikors promotur, ir-rikorrenti qed jippretendi l-hlas tal-ammont ta' Lm1336 (minghand l-intimat (ara fol 14 et seq ibid) allegat dovut minhabba l-imsemmi appalt.
f) L-imsemmi ammont la thallas lilu la lill-huh lanqa kien gie depositat fir-Registratu tal-Qorti.
g) Eventwalment, hu u huh kienu lahqu ftehim bejniethom u dan fis-7 ta' Lulju 2004 (ara fol 30 et seq ibid) u mill-istess ftehim jidher li l-ammont in kwistjoni kellu jithallas lill-istess rikorrenti.
h) Difatti kienet intbaghtet ghal dan il-ghan, ittra interpellatorja (ara fol 13 ibid) kif ukoll ohra ufficjali (fol 12 ibid) bir-risposta (ara fol 11 ibid) tghid illi l-istess talba hi preskritta.
i) Ir-rikorrenti kien wiegeb skond ittra li tinsab a fol 10 ibid u li fiha hemm spjegazzjoni "in extenso" tal-punti legali f'dan il-kaz cjoe dwar "sekwestratarju gudizzjarju" u "depositarju" u l-obbligi ta' dan skond l-artikolu 1899 sa 1917 tal-Kodici Civili u l-artikolu 2118 ibid dwar l-allegata preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi jidher li dawn tal-ahhar huma l-punti in ezami u li fuqhom hi bazata l-azzjoni odjerna u wara li gew konsiderati mill-Qorti, ma setghetx tara kif tista' tiddikjara l-istess azzjoni nulla gew irrita. Difatti jidher li jkun opportun illi jigi esaminat il-meritu ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li din il-kawza tissokta in rigward il-meritu taghha.

Bl-ispejjes riservati."

Illi bid-decizjoni moghtija fis-26 ta' Ottubru, 2009 l-istess Qorti Inferjuri ddecidiet din il-kawza kif illustrat hawn taht:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanant li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm4209.49,6 (erba' telef, mitejn u disgha liri Maltin u disgha u erbghin centezmu u sitt millezmi) ghalll-ammont ta' Lm1366.83,0 somma mill-konvenut mizmuma bhala sekwestratarju fis-sekwestru tal-esponent kontra Philip Fenech – K 947/81 tat-18 ta' Settembru 1981 Dok A anness; u kwantu ghal Lm2842.66,6 imghax bit-8% fis-sena ghal 26 sena mit-12 ta' Jannar 1981 data tal-kont taL-Perit.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet ulterjuri; bl-ispejjez tal-ittri ufficjali tal-4 ta' Frar 2005; tal-10 ta' Marzu 2005 u tas-7 ta' Novembru 2005 u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 3 sa fol 17 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 20 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Fl-ewwel lok id-domanda attrici hi improponibbli u konsegwntenemt l-azzjoni attrici hi irrita u nulla, u b'hekk ghandha tigi michuda kontra l-attur, bl-ispejjez.

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess il-konvenut m’ghandu jaghti xejn la lill-attur Francis Fenech u lanqas lil Philip Fenech.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-8 ta’ Ottubru 2007 (fol 35 et seq ibid) u li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-eccezzjoni preliminari ulterjuri (fol 42 ibid) u li biha l-konvenut eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikoku 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-fatti u l-isfond tal-kaz in esami, kif jidher mill-‘affidavit’ sottomess mill-attur (fol 28 et seq ibid) illi hu u huh Philip Fenech, ghall-habta tal-1980 kienu jahdmu flimkien bhala kuntratturi fil-bini. F’dan il-perjodu, l-attur u huh kienu nghataw l-inkarigu mill-konvenut odjern sabiex jibnu villa f’San Gwann. Izda matul l-1981, l-attur huh ‘… kellna xi nghidu u spiccajna l-Qorti’ u f’dawn il-proceduri gudizzjarji l-attur kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju esebit in atti a fol 3 et seq ibid kontra l-istess huh (mandat numru 947/81) u aventi bhala wiehed mis-sekwestratarji il-konvenut f’din il-kawza. Bhala kawzali fl-istess mandat jinghad testwalment ‘rappresentanti (dwar is-somma ta’ Lm5496.75 hemm specifikata) sehem Francis Fenech (l-attur odjern) li ghandu jiehu minghand Philip Fenech ghall-ispejjes inkorsi fil-bini ta’ villa fil-Kappara, limiti ta’ San Giljan …’ L-istess mandat gie notifikat lill-konvenut fil-21 ta’ Novembru 1981. Eventwalment l-ahwa Fenech

kienu ftehmu bejniethom u dan fis-7 ta' Jannar 2004 u skond l-istess ftehim esebit in atti a fol 30 et seq ibid jidher li parti mill-ammont in kwistjoni ammontanti ghal Lm1336 u '… minnek (mill-konvenut odjern) mizmuma bhala sekwestratarju' kif ukoll l-imghax imsemmi fl-istess avviz allegatament dovut bit-8% ghal sitta u ghoxrin sena mit-12 ta' Jannar 1981 kellu jithallas mill-konvenut lill-attur. Wara l-istess ftehim il-konvenut kien interpellat sabiex ihallas l-imsemmi ammont kienu b'ittra <u>interpellatorja</u> kemm <u>b'ohra ufficjali</u> (ara fol 12 tal-istess atti). Kif jidher minn <u>ittra responsiva</u> (fol 10 ibid) hemm indikati 'in estenso' mill-abili difensur tal-attur, il-punti legali li skond hu huma involuti f'dan il-kaz. Hawnhekk jinghad illi l-konvenut, permezz tas-sekwestru msemmi, kien gie ordnat, bhala sekwestratarju biex il-flus hemm imnizzlin ma' jinghatawx u ma jithallsux lill-ahwa Fenech minhabba t-tilwima ta' bejniethom kif spejgat. Meta din giet transatta wara hafna snin minhabba l-ftehim bejn l-istess ahwa, l-istess flus, skond dejjem il-ftehim bejn l-ahwa Fenech kellhom jithallsu mill-konvenut odjern lil Franics Fenech, kollha kemm huma (ara l-klawsoli 5.1 u 5.2 a fol 31 tal-atti). Kif jidher a fol 10 ibid, l-attur odjern qed jibbaza din l-azzjoni a bazi tal-artikolu 853(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-sekwestratarju gudizzjarju bhala aventi l-istess obbligu ta' depositarju. Dawn tal-ahhar jinsabu fl-artikolu 1899 sa 1917 tal-Kodici Civili specjalment l-artikoli 1907 dwar ir-radd tal-pattijiet, l-artikolu 1904 dwar ir-radd tal-haga lura u l-artikolu 1902 dwar id-drittijiet ta' depozitarju li jinqeda bil-haga depositata. Inoltre saret referenza ghall-artikolu 2118 tal-Kapitolu 16 ibid fejn jinghad illi 'ma jistghux jippreskrivu favur taghhom nfushom' in rigward dawk li jzommu haga f'isem haddiehor' fosthom 'd-depositarji. A bazi ta' dan citat, ghalhekk, l-attur qed jitlob ir-refusjoni tal-ammont imsemmi fl-avviz inkluzi l-imghaxijiet.

Illi pero, l-konvenut ma jaqbilx ma dak li jsostni l-attur izda qed jghid u jsostni illi t-talba in esami hi preskritta skond l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili fis-sens illi din l–azzjoni tittratta dwar, kuntratturi ta’ bini jew ta’ xogholijiet ohra ta’ gebel ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu, u b’hekk hi preskritta bit-trapass ta’ sentejn.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, jidher li l-eccezzjoni in esami tiddipendi dwar jekk il-konvenut hux sekwestratarju gudizzjarju ossija depozitarju jew debitur semplici tal-atturi.

Illi hu minnu illi l-konvenut, minhabba il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju otteniet mill-attur, sar, filfatt wiehed mis-sekwestarju kif jirrisulta a fol 3 tal-atti. Illi, pero’ fir-relazzjonijiet kemm legali kemm fattwali, l-konvenut, fis-sustanza u fir-realta, ghandu jkollu ‘locus standi’ f’dan il-kaz ta’ persuna li allegatament ghandha taghti lill-attur is-somma specifikata fl-avviz cjoe l-‘istatus’ ta’ wiehed li hu allegatament, <u>debitur</u> versu l-attur. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan ghadnu jkun in-nes bejn il-partijiet f’dan il-kaz u mhux dik tal-konvenut bhala sekwestatarju gudizzjarju.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad ukoll li l-attur, kif premess, irrefera ghall-artikolu 853(3) tal-Kapitolu 12 citat fejn jinghad illi s-sekwestarju hu soggett stess ghall-obbligi bhad-depositarju. Pero jidher li dan l-artikolu jirreferi ghal sekwestratarju li jigi maghzul jew bil-kunsens tal-partijiet interessati inkella mill-Qorti ‘ex ufficio’. Dan l-artikolu, filfatt, jirreferi ghall-hatra ta’ sekwestratarju gudizzjarju skond l-artikolu 851(1) ibid fejn jinghad illi ‘Il-Qorti tista’ f’kull waqt tal-kawza, tordna, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet jew ‘ex ufficio’is-sekwestratarju gudizzjarju . Certament il-konvenut odjern ma

jinkwadrax ruhu taht dak li ghadu kemm inghad u jsahhah il-fehma tal-Qorti illi l-konvenut ghandu jkun kkunsidrat bhala semplici debitur vis-à-vis l-attur odjern.

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz l-ewwel interruzjoni ta' preskrizzjoni saret permezz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju presentat fit-18 ta' Settembru 1981. F'dan il-kaz il-Qorti ma ratx li hemm xi raguni sabiex il-preskrizzjoni setghet kienet sospiza skond l-artikolu 2122 sa 2126 tal-Kodici Civili izda, kif di gja nghad, interrotta permezz tal-att gudzzjarju msemmi. Wara l-istess mandat pero', il-perjodu ta' preskrizzjoni rega' beda jiddekorri u kompla hekk sakemm giet presentata l-ittra ufficjali li kopja taghha hemm annessa a fol 9 ibid u dan fis-7 ta' Novembru 2005.

Illi, jidher ghalhekk ovvju, illi, premess li l-konvenut ghar-ragunijiet premess ghandu relazzjoni mal-attur ta' semplici debitur il-perijodu ta' preskrizzjoni u skada ampjament u ghalhekk din l-azzjoni ghandha tigi kunsiderata bhala estinata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri kif proposta mill-konvenut u tiddikjara din l-azzjoni bhala estinta.

In rigward l-ispejjes tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif hawn fuq spejgati, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet waqt li l–ispejjes tar-registru jinqassmu bin-nofs (1/2) bejn il-partijiet."

Tnejn huma l-aggravji li l-attur iressaq bl-appell tieghu fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza, u cjoe, illi:-

1. Meta l-Qorti kkonkludiet li r-relazzjoni guridika kienet wahda sempliciment ta' kreditur-debitur, hi skartat

cirkostanzi partikolari, ossija li fil-mument li l-konvenut gie notifikat bhala sekwestratarju l-figura tieghu ma kienetx ta' debitur izda, b'estensjoni ta' l-Artikolu 376 (2), Kapitolu 12, ghal dik analoga ghal depozitarju;

2. Mid-data ta' l-iskrittura ta' transazzjoni bejnu u huh (7 ta' Lulju, 2004) u d-data ta' l-ittra ufficcjali (4 ta' Frar, 2005) m'ghaddewx sentejn. Barra minn dan, hi wkoll gurisprudenza f'materja ta' appalt illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin (ara "**Christopher Selvagi -vs- Peter Borg**", Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008);

Kontra dan l-appell il-konvenut wiegeb illi l-argomenti ta' l-appellant huma guridikament errati u ghall-kaz il-Qorti ghandha ssostni l-preskrizzjoni opposta minnu a norma ta' l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili. Fl-istess waqt, il-konvenut inqeda bl-appell principali biex jintroduci appell incidentali *proprio* b'impunjattiva ta' l-ewwel sentenza tal-Qorti Inferjuri moghtija fit-8 ta' Ottubru, 2007. Bhala punt ta' dritt huwa jikkontendi illi dik il-Qorti ma messiex cahditlu l-eccezzjoni preliminari tieghu in kwantu, ankorke kien sekwestratarju, qatt ma seta' jigi mitlub u wisq anqas imgieghel jghaddi direttament lill-attur il-flejjes jew effetti sekwestrati;

Huwa utli ghall-ezami ta' l-appell principali illi jigu hawn, telegrafikament, riprodotti dawn il-fatti:-

(1) L-attur u huh Philip Fenech kienu shab f'xoghlijiet tal-gebel. *Qua* kuntratturi huma gew kommissjonati mill-konvenut b'appalt tal-bini tal-villa tieghu fil-Kappara;

(2) Fl-1981 l-attur u huh tlewmu u l-materja spiccat is-suggett ta' diversi kawzi fil-Qorti (Citazz, 956/81; 998/81 u 1329/82), kif ukoll il-mertu ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju (Nru. 947/81) servut, fost ohrajn lill-konvenut;

(3) Bi skrittura tas-7 ta’ Lulju, 2004 l-ahwa ttransigew id-differenzi ta’ bejniethom. *Inter alia,* huma ftehmu illi l-ammont dovut mill-konvenut ghandu jircevih l-attur;

(4) L-attur interpella ufficcjalment lill-konvenut ghall-hlas dovut (4 ta’ Frar, 2005 u 7 ta’ Novembru, 2005) izda l-konvenut baqa’ ma hallasx, anke ghaliex ippretenda li t-talba kienet preskritta (ara ittra ufficcjali responsiva datata 21 ta’ Frar, 2005);

Affermati dawn il-ftit fatti, il-kwestjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha tikkonsisti f’dan li gej. Transatta l-kontroversja ma’ huh Philip Fenech, l-attur qieghed jippretendi bis-sahha tal-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi illi l-konvenut, *qua* sekwestratarju, ghandu jghaddilu l-hlas korrispondenti tal-bilanc tal-valur ta’ l-appalt li hu u huh kienu esegwew fl-interessi ta’ l-istess konvenut. Il-konvenut jikkontrastalu din il-pretensjoni fuq zewg livelli. Il-wahda, illi l-azzjoni hi improponibbli (tali hi l-mertu ta’ l-appell incidentali tieghu). L-ohra, billi b’eccezzjoni ulterjuri jopponilu l-preskrizzjoni bjennali a tenur tas-subinciz (a) ta’ l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili;

L-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti jenhtieg li taghmel hi din. Bla dubju, is-Sekwestru hu dak il-provvediment processwali intiz biex ihares lil min jitolbu mill-pregudizzju derivanti lilu mill-konsegwenzi negattivi li jistghu jinzlu mir-riskju tar-riduzzjoni patrimonjali tad-debitur inadempjenti. Fil-kaz prezenti l-Mandat relattiv ta’ Sekwestru sar mill-attur bl-iskop li jikkonserva d-drittijiet tieghu fil-konfront ta’ huh u biex jikkawtela l-interessi pekunjarji tieghu, dejjem di fronte ghall-istess huh;

Issa hi s-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi meta dak il-Mandat gie notifikat lill-konvenut dan libes il-veste ta’ depozitarju jew ta’ sekwestratarju u, in kwantu tali, din in-natura guridika tieghu ma nbiddletx sad-data li hu u huh itransigew id-differenzi ta’ bejniethom. Evidentement,

b'din il-proposizzjoni tieghu l-appellanti qieghed jitraskura aspett importanti hafna, u cjoe, li l-konvenut kien ukoll debitur tieghu in raguni tar-rapport li tnissel mill-kuntratt ta' appalt u li dan, f'dik il-veste ta' kommittent-debitur, seta' kellu wkoll id-difizi potenzjali tieghu fil-konfront ta' l-appaltatur-kreditur. L-attur, *qua* sekwestrant, ma setax allura bis-sahha ta' dak il-Mandat kien legittimat li l-konvenut ihallas direttament lilu s-somma pretiza izda, se mai, li jitlob li l-konvenut jigi ordnat jghaddi ghad-depozitu, haga li hu lanqas biss talab li ssir matul iz-zmien kollu mill-1981 sal-mument tat-transazzjoni fis-sena 2004, kif hekk kellu dritt jinvoka bis-sahha ta' l-Artikolu 376 (2) (e) tal-Kapitolu 12. Interpretazzjoni xort'ohra tkun qed takkorda lis-sekwestrant rilevanza eccessiva lill-interessi tal-kreditur, fl-istess waqt li tinjora l-interessi tad-debitur. Jikkonsegwi minn dan kollu li nghad illi l-obbligazzjoni tal-hlas li titwieled minn rapport guridiku ta' l-appalt ma ssirx, bil-mera volonta unilaterali tal-parti kreditrici, u b'effett tal-mandat ta' sekwestru servut, wahda sempliciment tar-radd lura minn depozitarju jew tal-hlas minn sekwestratarju, ghaliex kieku ikun hekk, irid ikun ukoll presuppost illi l-kreditu naxxenti mill-appalt huwa inkontestat. U dan fil-kaz prezenti ma huwiex hekk, tant li l-azzjoni hi kontrastata bl-estinzjoni taghha bid-dekors taz-zmien;

Wisq korrettement l-ewwel Qorti sewwa ddecediet illi l-istatus legali tal-konvenut baqa', nonostante l-Mandat, dak ta' debitur u, li f'din il-veste, seta' ghaldaqstant jissolleva b'difiza eccezzjonijiet sew ta' fatt kif ukoll ta' dritt. Kompriz ghalhekk il-preskrizzjoni eccepita biex jiddefendi ruhu fil-konfront tal-kreditu attrici bl-estinzjoni ghall-fatt tat-trapass ta' zmien;

Issa bil-kontra ta' dak assunt mill-appellanti bir-rikorrenza li jaghmel ghad-decizjoni ta' din il-Qorti imsemmija fl-esposizzjoni ta' l-aggravju, il-proprja vertenza hawn mhix wahda ghar-rizarciment ta' danni kif hekk kien il-kaz f'dik id-decizjoni l-ohra, izda wahda ta' pretensjoni ghall-hlas mill-kommittenti-konvenut lill-appaltatur-attur tal-prezz ta'

xoghlu.  M'hemmx dubju illi ghal dik li hi preskrizzjoni l-fattispeci jaqa' fl-ipotesi kkontemplata mill-Artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16.  Din id-disposizzjoni hi, incidentalment, ahjar imfissra u illustrata fid-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-15 ta' Dicembru 1959 fl-ismijiet "**Giovanni Muscat -vs- Paolo Azzopardi**".  Permezz taghha hu provvdut illi jaqghu bi preskrizzjoni ta' sentejn "(a) l-azzjonijiet ta' bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' njam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu";

Ammess li t-terminu statutorju *ex abundantia* skada, li hemm bzonn li wiehed jezamina hu jekk kienx hemm xi interruzzjoni permezz ta' notifika ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili), jew bir-rikonoxximent tad-debitur (Artikolu 2133, Kodici Civili) jew ukoll permezz ta' xi rinunzja (Artikolu 2108 (2), Kodici Civili).  Eskluzi immedjatament dawn it-tnejn ta' l-ahhar u li bhala fatt ma jirrizultawx mill-atti processwali, ankorke seta' jinghad li bl-att ta' sekwestru notifikat fl-1981 kien hemm interruzzjoni, eppure, imbaghad, minn dak in-nhar 'il quddiem il-preskrizzjoni bdiet miexja *ex novo*  (Artikolu 2136 (2), Kodici Civili), u dwarha l-interruzzjoni li saret bl-ittra ufficcjali fl-2005 kienet wahda inutili gjaladarba z-zmien ta' sentejn ghal liema jirreferi l-predett artikolu tal-Kodici Civili kien abbundantement skada.  Ukoll minn din l-ottika l-ewwel Qorti wisq tajjeb iddecediet u din il-Qorti tissottoskrivi l-fehma taghha fis-sens illi b'dik il-preskrizzjoni, una volta li l-attur, *qua* titolari tad-dritt, ma pprocediex kif kellu jipprocedi, ic-certezza tar-rapport guridiku bejnu u l-konvenut kienet assikurata;

Raggunta din il-konkluzjoni, kull indagini dwar l-appell incidentali jsir ghal kollox inutili, anke jekk, biex jinghad b'ripetizzjoni ta' l-osservazzjoni li diga` saret, teknikament, u legalment ukoll, is-sekwestrant ma setax jitlob lis-sekwestratarju jghaddi direttament ghall-hlas lilu.  Dan il-ligi ma tghidux u ma tridux.  Tipprovdi invece illi fejn is-sekwestratarju ma jiddepozitax meta hekk mitlub u ordnat

huwa jista' jsib ruhu passibbli ghad-danni u l-imghaxijiet (Artikolu 378, Kapitolu 12). Hawnhekk dan ma huwiex il-kaz. Fiz-zgur, is-sentenza preliminari ta' l-ewwel Qorti fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tidherx li hi fondata fid-dritt mill-perspettiva procedurali.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti tichad l-appell principali ta' l-attur u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu pronunzjata fis-26 ta' Ottubru, 2009. Ghal kull bwon fini l-Qorti qed tilqa' l-appell incidentali tal-konvenut in kwantu teknikament fondat u konsegwentement thassar is-sentenza preliminari tal-Qorti Inferjuri tat-8 ta' Ottubru, 2007. L-ispejjez gudizzjarji ta' dan l-appell jitbatew interament mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------